MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 101/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond Micallef)**
**Vs**
**Maria Clara Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Marzu, 2010, ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofs inhar, f'dawn il-Gzejjer u cioe` gewwa l-Isptar Mater Dei, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunat offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Esmeralda Azzopardi, skond ma ccertifika Dr. Owen Mifsud M.D., tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta, w dan bi ksur ta' l-artikolu 328 u 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Frar, 2011, li biha, peress li l-akkuza kif dedotta ma rrizultat pruvata sal-grad rikjest mill-ligi, lliberat lill-appellata mill-istess akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-2 ta’ Marzu, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tiddikjara lill-appellata hatja ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tinfliggi piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkonsidrat

F’din is-sentenza l-Qorti qed tiddeċiedi dwar żewġ eċċezzjonijiet ‘preliminari’ mqajmin mid-difiża fir-risposta tagħha tal-appell (a fol 24).

**L-Ewwel Eċċezzjoni – Jekk l-appell kienx fuori terminu**

L-ewwel eċċezzjoni hija li l-appella tal-Avukat Ġenerali kien ippreżentat fuori termine.  Id-difiża bbażat din l-eċċezzjoni fuq data li l-appellant indika fir-rikors tal-appell tiegħu.  L-Avukat Ġenerali ssottometta li huwa kien irċieva l-atti fis-17 ta’ Frar 2011.  Għalhekk it-tmint ijiem ta’ xogħol skadew fl-1 ta’ Marzu 2011.

Permezz ta’ nota ppreżentata mill-Avukat Ġenerali fl-24 ta’ Jannar 2012, l-Avukat Ġenerali ssottometta li d-data indikata fir-rikors oriġinali kellha tkun it-22 ta’ Frar 2011 u għalhekk l-appell kien entro termine.

Fis-seduta tal-21 ta’ Frar 2012, kienet ippreżentata nota mill-Avukat Ġenerali nota fejn juri d-data fuq it-tmbru mill-uffiċju Ġenerali.

L-Avukat tal-appellata rrimetta ruħu.

Il-Qorti, wara li rat it-timbru tal-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali, m'għandha ebda dubju li d-data indikata fuq ir-rikors tal-Avukat Ġenerali dwar meta rċieva l-atti hija żbaljata. Id-data korretta hija dik tat-22 ta' Frar 2011 u allura m'hemmx dubju li l-appell kien ippreżentat fit-terminu kkontemplat mil-Liġi.

**Isegwi li l-Qorti mhix tilqa' din l-ewwel eċċezzjoni tal-appellata.**

**It-Tieni Eċċezzjoni – Dritt ta' Appell tal-Avukat Ġenerali**

It-tieni eċċezzjoni tad-difiża hija li l-Avukat Ġenerali iddikjara li kien qiegħed jinterponi dan l-appell ai termini tal-artikolu 413 (3) u sussidjarjament l-artikolu 413(1)(b)(iv)(i) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellat jgħid li minn imkien ma jirriżulta li l-appellata ġiet illiberata minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fis-subartikoli 1(b)(iv), (v)(vi) tala-rtikolu 413 (1) tal-Kap 9.

**Il-Liġi**

L-artikolu 413 (3) jiddisponi hekk:

'Meta l-imputat jew il-kwerelat jiġi liberat għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(b)(iv)(v) u (vi), il-Qorti fis-sentenza għandha ssemmi biċ-ċar din ir-raġuni; fin-nuqqas ta' dan, is-sentenza tkun nulla, u din in-nullita' tkun tagħti jedd ta' appell lill-Avukat Ġenerali, u, fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 373, lill-kwerelant.'

Min-naħa l-oħra l-artikolu 413 (iv)(i) jgħid hekk:

'l-imputat jew l-intimat jiġi liberat minħabba f'li –

(i) il-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti ta' reat.'

L-Avukat Ġenerali biex isostni l-argument tiegħu li għandu dritt jagħmel appell f'dan il-każ (a) għamel riferenza estensiva għan-Noti tal-Professur Mamo dwar l-intenzjoni

– li f 'każ ta' offiża tista' tkun waħda ġenerika'. Huwa rrefera wkoll għall-każ 'Il-Pulizija versus Raymond Grima'tal- Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Frar 2009 li minnha din il-Qorti qed tislet dan li ġej:

'2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Gunju 2008 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Raymond Grima; is-sentenza, fil-parti decizjonali, tghid hekk:

"Semghet ix-xhieda prodotta;

"Stante li mhix pruvata peress li ma ngiebet l-ebda prova rigward il-fond bl-isem ta' "Cabanas", ma ssibux hati u tilliberah.";

3. Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu pprezentat fit-8 ta' Lulju 2008, li permezz tieghu talab irrevoka ta' l-imsemmija sentenza; rat l-atti kollha tal-kawza;
semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet;
ikkunsidrat:

5. Fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2008, l-abbili difensur ta' l-appellat eccepixxa l-inappellabilita` da parti ta' l-Avukat Generali tas-sentenza ta' l-ewwel qorti "peress illi jirrizulta mill-aggravju tal-Avukat Generali li dan l-appell huwa fuq apprezzment tal-provi. Fl-udjenza tat-23 ta' Jannar 2009, l-Avukat Dott. Jason Grima, ghall-appellant Avukat Generali, ghall-mistoqsija maghmula mill-Qorti, ikkonferma li f'dan il-kaz l-Avukat Generali m'ghandux dritt ta' appell hekk imsejjah "awtomatiku" fir-rigward tar-reat meritu ta' din il-kawza li huwa reat li jaqa' fil-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Artikolu 370(1), Kap. 9). Dan ifisser li, biex l-Avukat Generali jirradika d-dritt tal-appell tieghu, il-kaz irid jinkwarda f'xi wahda mill-ipotesijiet kontemplati fil-paragrafu (b) tassubartikolu (1) tal-Artikolu 413 tal-Kodici Kriminali.

6. Issa, jekk wiehed jara sew ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali jsib li, b’mod generali u introduttiv, l-aggravju tal-appellant hu maghmul jikkonsisti filli “…l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-Ligi u tal-fatti…” – sottolinear ta’ din il-Qorti – u minnufih wara l-vers citat hemm referenza ghall-“artikoli 413(1)(b)(iv) u 413(1)(c) tal-Kodici Kriminali” – sottolinear ukoll ta’ din il-Qorti Huwa minnu li aktar ‘l isfel fir-rikors l-appellant juza l-espressjoni “…l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazing tal-fatti u dokumenti pprezentati…”, pero` fil-paragrafu ta’ qabel ta’ l-ahhar, u bhala parti mill-aggravju ta’ l-appellant, jinghad hekk:

“Illi l-Cabanas mhuwiex fond separat imma jifforma parti integrali mil-fond Havana u ghalhekk ma kienx hemm bzonn ta’ ebda prova rigward il-parti gewwa Havana maghrufa bhala Cabanas ghaliex l-unika prova li kien hemm bzonn kienet fir-rigward il-hanut Havana, liema prova ngabet.”

7. Quddiem l-ewwel qorti giet esibita kopja tal-licenzja maħruġa mill-Awtorita` tat-Turizmu ta’ Malta li tirreferi ghall-lokal “Havana, no. 82, Triq San Gorg, St Julian’s” – ara Dok. MC1 a fol. 10 tal-atti. Dan id-dokument gie kkonfermat quddiem din il-Qorti (il-Qorti tal-Appell Kriminali) mill-Avukat Dott. Michael Camilleri aktar ‘l fuq imsemmi. Ix-xhud PS 928 Ramon Mifsud xehed li fil-gurnata u fil-hin indikati fl-imputazzjoni huwa sab tfajla, li rrizulta li kellha biss hmistax-il sena, “…gewwa Cabanas li jaghmel parti mill-Havana, il-Havana fuq u l-Cabanas isfel...in-naha ta’ gewwa in-naha tad-D.J…” Fin-nuqqas ta’ xi indikazzjoni kuntrarja fis-sentenza appellata jew f’xi verbal redatt minn jew quddiem il-Qorti Inferjuri, din il-Qorti ghandha tassumi li dak li xehed l-imsemmi surgent fl-udjenza tal-20 ta’ Novembru 2008 huwa l-istess haga li xehed quddiem l-ewwel qorti.

8. Kunsidrat dan kollu u fid-dawl ta’ dak li jinghad fis-sentenza appellata (u li jinsab riprodott aktar ‘il fuq filparagrafu 2 tas-sentenza odjerna), din il-Qorti ikollha neċessarjament tasal ghall-konkluzzjoni li f’dan il-kaz lewwel qorti lliberat lill-appellat, allura imputat, minhabba li

għamlet enjuncjazzjoni żbaljata tal-ipotesi tal-ligi, liema error juris skond gurisprudenza kostanti1 jirradika d-dritt ta'appell ta' l-Avukat Generali taht il-partita (i) tassubparagrafu
(iv) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 413 – Art. 413(1)(b)(iv)(i) – tal-Kap. 9. Fi kliem ieħor dik il-qorti in effetti rriteniet li jekk fond jew stabbiliment ikollu parti minnu li jgib isem differenti minn kif hemm fuq il-licenzja, trid tingieb prova tal-licenzja li tkopri dik il-parti b'dak l-isem differenti. Il-ligi kjarament ma tirrikjedix hekk. Terga' w tghid, l-ewwel qorti dan qalitu fis-sentenza b'mod alkwantu indirett u oblikwu, u għalhekk mhux b'dik il-kjarezza rikjesta bis-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 413. Dan is-subartikolu jipprovdi illi meta l-imputat jiġi liberat għal xi waħda mir-ragunijiet imsemmijin fil-paragrafi (b)(iv), (v) u (vi) tas-subartikolu (1)

"il-qorti fis-sentenza ghandha ssemmi bic-car din ir-raġuni; fin-nuqqas ta' dan, is-sentenza tkun nulla, u din in-nullita` tkun taghti jedd ta' appell lill-Avukat Generali…"

Isegwi, ghalhekk, li f'dan il-kaz, l-Avukat Generali għandu dritt ta'appell mis-sentenza tad-19 ta' Gunju 2008 fl-ismijiet premessi.'

Mela f'dan il-każ, il-Qorti tal-Appell Kriminali ddeċidiet jekk il-kliem li użat l-Ewwel Qorti biex jillibera kienx jammonta għal enunċjazzjoni ħażina tal-Liġi u kkonkludiet li l-Ewwel Qorti kienet qed tirrikjedi dak li l-Liġi ma kenitx tirrikjedi. Għalhekk la l-Ewwel Qorti rrikjediet dak li ma kellhiex tirrikjedi kienet qed tagħmel enunċjazzjoni ħażina tal-Liġi u segwa li l-Avukat Ġenerali seta' jappella.

Iżda ma jfissirx li l-Qorti tal-Appell Kriminali dejjem tat raġun lill-Avukat Ġenerali. Dwar id-dritt tal-Avukat Ġenerali li jappella minn sentenza tal-Maġistrati din il-Qorti ser tagħmel referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri mogħtija mill-Imħallef Dr Vincent DeGaetano 'Il-Pulizija versus Anthony Sammut' tat-18 ta' Ġunju 2001 li din il-Qorti kif preseduta diġa' kkwotat fis-sentenza tagħha tat-3 t'Ottubru 2011 fis-

sentenza ‘Il-Pulizija versus Dean Camilleri et’. Il-Qorti kienet qalet hekk ( u hawn il-Qorti ser tikkwota in extenso):

***‘L-appellant Avukat Generali jikkontendi li l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta ta’ l-ipotesi tal-ligi in tema tar-reat ta’ ragion fattasi. Issa, kull ma qalet l-ewwel qorti fis-sentenza taghha (wara li rrepetiet l-imputazzjoni u qalet li kienet semghet il-provi) kien hekk:***

***“L-allegazzjoni tal-kwerelant hija li l-passagg kien pubbliku izda ma saret ebda prova sodisfacenti li dan huwa prima facie l-istat ta’ fatt. “Ghaldaqstant ma ssibux hati u tilliberah.”;***

***Frankament din il-Qorti ma tara, f’dawn il-ftit kelmiet, ebda enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi kif qed jippretendi l-appellant Avukat Generali.***
***Kull ma qed tghid l-ewwel qorti huwa semplicement li dak allegat mill-kwerelant – li l-passagg in kwistjoni kien wiehed pubbliku – ma jirrisultax pruvat. Huwa veru li biex jikkonkorru l-estremi tar-reat ta’ ragion fattasi ma hux mehtieg li persuna tigi mfixkla fid-dritt ta’ passagg taghha minn passagg***
***pubbliku; il-passagg jista’ jkun wiehed privat (fis-sens li ma hemmx liberu access ghall-pubbliku in generali) izda xorta wahda l-kwerelant ikun ġie fixkel fid-dritt tieghu ta’ passagg. Pero` jekk id-dritt ta’ passagg pretiz ikun qed jigi reklamat in forza tal-fatt li l-passagg huwa wiehed pubbliku (cioe` miftugh ghal kulhadd), in-nuqqas ta’ prova ta’ dan il-fatt tista’ legittimament twassal lill-ewwel qorti biex tillibera. Kif inhu risaput, biex l-Avukat Generali jkollu dritt ta’ appell skond id-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 413(1)(b)(iv)(i) tal-Kodici Kriminali, kif din id-disposizzjoni giet dejjem interpretata minn din il-Qorti, l-enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi – l-error juris – trid tirrizulta car mis-sentenza jew minn xi verbal registrat, u mhux tkun ibbazata fuq supposizzjonijiet jew konġetturi magħmula mill-Avukat Generali. Kif inhu risaput ukoll, in-nuqqas ta’***

***dritt ta' appell tal-Avukat Generali huwa sollevabbli minn din il-Qorti ex officio; u din il-Qorti qegħda hekk tissolleva l-irritwalita`u l-konsegwenti nullita` tar-rikors ta' appell odjern. Ma hemmx għalfejn, għalhekk, li din il-Qorti tidħol biex teżamina id-deposizzjonijiet tat-tliet xhieda (Mario Muscat, ex-P.S. 48 Philip Cortis u l-appellant) mogħtija quddiemha.***

***Għall-motivi premessi, tiddikjara l-appell tal-Avukat Generali irrit u null, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.'***[1]

L-aktar punt importanti mis-silta t'hawn fuq huwa li l-enunċazzjoni ħażina tal-Liġi mill-Ewwel Onorabbli Qorti trid tirriżulta ċar mis-sentenza jew xi verbal. F'din is-sentenza, b'kuntrast ma' dik li saret għaliha referenza mill-Avukat Ġenerali, il-Qorti tal-appell ma setgħetx tasal li kien hemm xi enunzjazzjoni tal-Liġi.

L-istess ġara meta l-Avukat Ġenerali appella f'każ ieħor. Hawn il-Qorti qed tirreferi għas-sentenza 'Il-Pulizija versus Spiridione Aquilina et' tat-12 ta' Frar 1999 (Vol. LXXXIII Part IV paġina 175) fejn il-Qorti qalet hekk:

*'Fost dawn il-każijiet hemm il-każ ta' meta l-Qorti Inferjuri tillibera lill-imputat 'minħabba li fil-fatt ma jkunx hemm l-elementi tar-reat.' Din id-dispożizzjoni ġiet dejjem interpretata bħala li tagħti dritt ta' appell lill-Avukat Ġenerali meta l-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha, tkun applikat jew interpretat ħażin il-Liġi, ossia tkun għamlet enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-ipotesi tal-Liġi liema enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta setgħet inċidiet fuq il-fatt li l-imputat ġie liberat. Din id-dispożizzjoni pero' ma tagħtix dritt ta' appell lill-Avukat Ġenerali meta l-Ewwel Qorti tkun illiberat minħabba apprezzament ħażin, żbaljat jew inkomplet tal-fatti ħlief jekk ikun jirriżulta li tali apprezzament ħażin tal-fatti jkun ir-riżultat ta' applikazzjoni jew interpretazzjoni żbaljata tal-*

[1] Ma jidhirx li l-fatti u l-prinċipji esposti fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Edward Cassar' (15 t'Ottubru 2010) huma applikabbli fiċ-ċirkostanzi tal-lum li huma għal kollox differenti. Fil-każ ta' llum lanqas biss hemm referenza għal xi punt ta' liġi.

*liġi, b'mod għalhekk li dak l-iżball ikun essenzjalment żball ta' dritt u mhux żball ta' fatt. '*

**Konsiderazzjonijiet finali dwar it-tieni eċċezzjoni**

Wara din l-espożizzjoni legali u ġurisprudenzjali dwar id-dritt tal-appell tal-Avukat Ġenerali,
il-Qorti ser teżamina x'qalet eżatt l-Ewwel Qorti fis-sentenza tal-15 ta' Frar 2011. Din qalet hekk:

'Semgħet il-provi;

Peress li l-akkuża kif dedotta ma tirriżultax ppruvata sal-grad rikjest mil-Liġi, tillibera mill-istess akkuża.'

Dan il-kliem jidher kemm fis-sentenza miktuba bl-id kif ukoll fis-sentenza dattilografata.

Minn dan il-kliem biss, il-Qorti ma tistax tgħid li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet qed tagħmel xi enunzjazzjoni tal-Liġi. Sempliċiment qed tgħid li l-provi jridu jwasslu 'beyond reasonable doubt'. Fil-fehma tal-Ewwel Qorti ma dehrilhiex li l-Prosekuzzjoni kienet ippruvat il-każ tagħha bil-provi li tellgħet. Hemm differenza bejn il-kliem użat f'din is-sentenza u dak użat fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Raymond Grima'. **F'din tal-aħħar kien jidher ċar mill-kliem użat mill-Ewwel Qorti li l-Ewwel Qorti kienet qed titlob dak li ma titlobx il-Liġi u għalhekk kienet qed tinterpeta l-Liġi ħażin. Fis-sentenza li għandu x'jaqsam magħha dan l-appell, kulma wieħed isib huwa l-istess kliem li nsibu f'eluf ta' kawżi sommarji li jkunu deċiżi dak il-ħin stess u li lanqas ma huwa meħtieġ li jkunu motivat. (Ara ġurisprudenza kostanti dwar dan).**

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-appellata u qed tiddikjara l-appell tal-Avukat Ġenerali bħala irrit u null u qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------